# KIF TINĦADEM IL-PENSJONI TIEGĦEK?

Il-pensjoni tiġi maħduma fuq l-aħjar 10 snin minn 40 sena paga/salarju li jibdew jgħoddu mit-18-il sena 'l fuq.

Min għandu anqas minn 48 sena se jirtira ta' 65 sena, madanakollu int tista' tirtira meta tagħlaq il-61 sena u tieħu l-pensjoni, kemm il-darba jkollok 2,080 Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali mħallsa jew akkreditati f'ismek, li jfisser 40 sena bolol.

Tkun tista' tieħu pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi jekk tkun ħallast mill-anqas 50 kontribuzzjoni fis-sena għal perjodu ta' 40 sena.



Bolol imħallsa mill-Gvern għal ommijiet u missirijiet li jagħżlu li jieqfu temporarjament mix-xogħol... b'hekk ma jitilfu xejn mill-pensjoni



Ommijiet u missirijiet li twieldu wara l-31 ta' Diċembru 1961 li jagħżlu li jieqfu temporanjament mix-xogħol biex jieħdu ħsieb it-tfal ikollhom il-bolol akkreditati mill-Gvern biex ikopru perjodi fejn il-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali ma tkunx qed titħallas. Għalhekk l-ommijiet u l-missirijiet li jagħmlu din l-għażla jitqiesu daqs li kieku ħallsu l-bolla u b'hekk ma jitilfu xejn mill-pensjoni. L-ammont ta' bolol hu ta' sentejn għal kull wild taħt is-sitt snin. Dawn il-krediti jingħataw wara li l-omm jew il-missier jirritornaw lura f'impjieg.

Fil-każ ta' ġenituri ta' tfal b'diżabilità li jieqfu mix-xogħol biex jieħdu ħsieb it-tfal, minflok sentejn kontribuzzjonijiet jingħataw erba' snin bolol għal tfal b'diżabilità taħt l-10 snin.

Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja
Palazzo Ferreria, 310 Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1110
Tel: (+356) 2590 3000, Freephone: 159
Email: social.security@gov.mt
Aktar informazzjoni: www.socialsecurity.gov.mt



# INT SE JKOLLOK PENSJONI AĦJAR

għax minn din is-sena se taħseb għaliha aħjar milli kont qed tagħmel sas-sena li għaddiet



# RIFORMA WARA PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI

5 snin ilu kien sar proċess wiesgħa ta' konsultazzjoni biex il-pensjonijiet f'pajjiżna jissaħħu u jiżdiedu. Dan biex min bħalissa qiegħed f'impjieg igawdi pensjoni aħjar milli kieku jirtira llum.

Fil-proċess ta' konsultazzjoni ħadu sehem:

- Unions tal-ħaddiema
- Għaqdiet taż-żgħażagħ u l-istudenti
- Għaqdiet tan-nisa
- Għaqdiet ta' min iħaddem
- Rappreżentanti tas-sidien tan-negozji żgħar u medji u tas-self employed
- Għaqdiet tal-anzjani u l-pensjonanti

Il-proċess ta' diskussjoni kien wieħed twil u mifrux fuq diversi xhur.



www.socialsecurity.gov.mt



# BIEX INT IKOLLOK **PENSJONI** AĦJAR

F'pajjiżna, l-ħaddiema, min jimpjegahom u l-Gvern iħallsu l-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali li parti minnha tmur għall-benefiċċji soċjali fosthom il-pensjonijiet.

Kieku 5 snin ilu ma saritx diskussjoni dwar ir-riforma biex insaħħu l-pensjonijiet u ma nbidel xejn, meta tirtira, l-pensjoni tiegħek tkun madwar 18% tal-paga medja. Dan ma jkunx biżżejjed għalik. Għalhekk kien meħtieġ li tittieħed azzjoni. Dan għarfuh dawk kollha li ħadu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni. Permezz tar-riforma, meta int se tirtira se jkollok pensjoni li tkun madwar 46% tal-paga medja.

Wara diskussjonijiet li saru, intlaħaq qbil fuq it-titjib u ż-żieda fil-pensjoni tiegħek. Din tkun tista' ssir għaliex persuni li twieldu wara l-31 ta' Diċembru 1961 u li għandhom paga jew salajru bażiku ta' aktar minn €17,175.60 se jħallsu 10% f'kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali sa massimu ta' €18,400 tal-paga.

Bir-riforma, id-differenza fil-bolla se tkun:

## EŻEMPJI TAD-DIFFERENZA

| Paga/Salarju bażiku | Differenza fil-ġimgħa | Differenza fis-sena |
|---|---|---|
| € 17,200 | € 0.05 | € 2.44 |
| € 17,400 | € 0.43 | € 22.44 |
| € 17,600 | € 0.82 | € 42.44 |
| € 17,800 | € 1.20 | € 62.44 |
| € 18,000 | € 1.58 | € 82.44 |
| € 18,200 | € 1.97 | € 102.44 |
| € 18,400 | € 2.35 | € 122.44 |

*(Paga/Salarju bażiku ma jinkludix allowances, overtime, fringe benefits u bonuses)*

Fuq l-ammont ta' paga li taqbeż it-€18,400, ma jitħallas xejn aktar.

Kien maqbul ukoll li jsir aġġustament ieħor is-sena li ġejja u ta' wara, b'hekk se tkun qed tikkontribwixxi biex int ikollok pensjoni aħjar.